Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2011

Numru. 1244/2006

**Il-Pulizija**
**Supretendent Raymond D'Anastas**
**V**

**OMISSIS**
**NICOLA MCHARG**

**Seduta ta' llum 6 ta' Gunju 2011.**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **NICOLA MCHARG** ta' sebgha w ghoxrin sena bint Gordon u Nathalie nee' Gauci, imwielda San Giljan nhar s-sitta ta' Lulju 1979 u residenti 'Altair 3', Vjal de Paule, Hal Balzan, detentrici tal-karta tal-identita numru 436279M kienet giet imressqa quddiemha akkuzata talli:

1. f'Haz Zebbug nhar il-hamsa ta' Settembru 2006 ghal habta tas-siegha ta' wara nofsinhar,


Qrati tal-Gustizzja

ikkommetew serq ta' flus mill-ispizerija 'Nobel', sitwata fi Triq Sciortino, ghad-dannu ta' Carmelo Muscat liema serq huwa aggravat bl-ammont.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat wiehed w ghoxrin ta' Novembru 2006 esibit fl-atti bhala dokument CSH 4, sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputata, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputata kienet iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' Gudikatura Kriminali, kif jirrizulta mill-ezami li kien sar nhar l-hamsa ta' Jannar 2007 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tal-hamsa ta' Jannar 2007 meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti ma kellhiex triq ohra salv li ssibha hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha.

Il-Qorti kienet wisset lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid setghet terga' lura minnha w fil-fatt l-ammissjoni taghha giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta u dana fil-prezenza tal-avukat difensur taghha.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizzjonata da parti tal-imputata, il-Qorti kienet sodisfatta li l-imputata ghandha tinstab hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha.

Il-Qorti kienet semghet lil partijiet jittrattaw dwar l-piena fl-istess seduta tal-hamsa ta' Jannar 2007.

Il-Qorti kienet ukoll qieset ic-cirkostanzi is-segwenti fatti fl-ghoti tal-piena u cioe :

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputata sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe' mal-presentata u li b'hekk ma nhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputata mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz tant li l-imputata ddikjarat li taghmel tajjeb ghad-dannu sofferti mis-socjeta'.

Il-Qorti kienet rat ukoll il-fedina penali tal-imputata Nicola McHarg esibita fl-atti bhala dokument CSH 3 minn fejn jirrizulta li din kellha fuqha registrat reat wiehed biss li sehh fis-sena 2004 fejn inghatat wkoll sena sospiza.

Rat wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata nhar s-sitta ta' Settembru 2006 esibita fl-atti.

Illi ghalhekk **l-Qorti** kienet, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 261(c), 279(a) tal-Kap 9 u l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, **iddikjarat li kienet qed issib lill-imputata NICOLA MCHARG hatja tal-akkuzi kollha kif minnha ammessi w iddecidiet li tpoggi lil imputata NICOLA MCHARG, taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn [2] minn dakinhar tal-hamsa ta' Jannar 2007 w ordnat, ai termini tal-artikolu 24(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li thallas l-ammont ta' mija w erbghin [140] lira maltin rappresentanti sehemha mid-danni sofferti mill-vittma Carmelo Muscat.**

Ordnat wkoll li kopja ta' dik is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jigi nominat l-kandidat idoneju ghal dan l-ghan wara li spjegat l-import ta' din is-sentenza lil imputata Nicola McHarg u x'jigri f'kaz li tonqos li tosservaha u l-imputata kienet iddikjarat li fehmet ben tajjeb.

Ill permezz ta' nota datata tnejn w ghoxrin ta' Jannar 2007, il-Qorti giet infurmata li Nicola McHarg kienet ser tibda tigi segwita mill-Probation Officer Trevor Calafato tul il-perjodu ta' probation taghha.

Illi permezz ta’ nota ppresentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Gunju 2007, il-Qorti giet infurmata mill-Probation Officer Trevor Calafato, li Nicola McHarg kienet naqset li zzomm l-appuntamenti taghha mieghu u naqset wkoll li toqghod ghad-direttivi minnu moghtija lilha sabiex tiehu hsieb il-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga li kellha.

Ghalhekk, il-Qorti appuntat din il-kawza ghas-smiegh ghal nhar t-tletin ta’ Lulju 2007 filwaqt li ordnat notifika ta’ din in-nota lill-imsemmija Nicola McHarg u lill-Ufficjal Prosekutur.

Illi nhar t-tletin ta’ Lulju 2007 il-probationer Nicola McHarg dehret il-Qorti u **xehed l-Probation Officer Trevor Calafato** (fol 30) fejn qal li minn meta l-imputata nghatat din is-sentenza sa dakinhar, kull ma raha kien fl-erbgha w ghoxrin ta’ Jannar 2007. Sussegwentement wara dan l-appuntament kellha iehor fit-tnejn w ghoxrin (22) ta’ Frar, fit-tmienja (8) ta’ Marzu, fis-sitta w ghoxrin (26) ta’ April, fl-erbgha w ghoxrin (24) ta’ Mejju, fl-erbatax (14) ta’ Gunju u iehor aktar tard f’ Gunju 2007. Qal li hi m’attendiet ghall-ebda wiehed minn dawn l-appuntamenti w kemm-il darba kienet ccempel u tghidlu li ser tkun hemmhekk f’hames minuti w ma kinitx tmur.

Spjega li darba minnhom fl-erbgha w ghoxrin ta’ Mejju 2007 waslet u l-bieb tax-xoghol kien gia maghluq. Qal li l-unika darba li kellha appuntament u hu ma setax izommu, kien fil-hmistax ta’ Marzu. Qal li hu kien anke ccekkja mas-Sedqa. Qal li hi kellha xi kuntatt ma’ Rowena Mallia li kienet il-*key worker* taghha, u din infurmatu li Nicola McHarg kienet qatghet il-kuntatt minn maghha wkoll. Qal li Nicola McHarg mhux qed tikkopera maghhom. Qal li din ippruvat li kellha impieg regolari u l-imghallem taghha ma kienx ihalliha tmur ghandu, pero’ f’temp ta’ hames xhur, gurnata tax-xoghol *leave* ma haditx. Qal li lilu ma qaltlux li ma qalitx lill-imghallem taghha bil-problema li ghandha, w cioe’ li kienet qed tigi segwita mill-Probation Officer, ghax hi fil-fatt tibza’ li jkecciha.

Illi nhar l-ghaxra ta’ Settembru 2007 **rega’ xehed l-Probation Officer Trevor Calafato** (fol 32) fejn qal li wara l-ahhar seduta ta’ din il-Qorti, hu kien taha tliet appuntamenti u fil-fatt zammithom kollha. Spjega li dwar l-ewwel appuntament kienet marret ftit tard pero’ ghall-ohrajn marret fil-hin u f’dawn l-appuntamenti ddiskutew diversi affarijiet fosthom li kienet ser tattendi l-NA meeting kif effettivament ghamlet, u li fil-prezent hija qed tiehu DHC. Ix-xhud talab lill-Qorti sabiex taghtih iktar zmien sabiex jaccerta lill-Qorti li fil-fatt Nicola McHarg m’ghadhiex aktar taht il-vizzju tad-droga.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Ottubru 2007 **rega’ xehed l-Probation Officer Trevor Calafato** (fol 36) fejn qal li Nicola McHarg kienet qed tattendi ghall-appuntamenti kollha li hu jaghtiha u fil-fatt dakinhar stess kienet puntwali u li dan l-ahhar saret anke tiftah fuq il-problemi taghha. Fil-fatt, zied jghid ix-xhud, huma kienu qed jaraw forsi anke opportunitajiet ohra ghal xoghol u jippruvaw jaraw anke fejn jistghu ipogguha sabiex hi taqta’ d-DHC’s.

Rat is-sentenza taghha tal-4 ta’ Dicembru 2007 fl-ismijiet premessi (fol 39) fejn din il-Qorti sabet lill-imputata probationer hatja talli kisret l-ordni ta’ probation moghtija lilha permezz tas-sentenza taghha fl-ismijiet premessi nhar il- 5 ta’ Jannar 2007 u giet ikkundannata thallas mitt Lira Maltin (LM100) bhala ammenda.

Illi nhar it-28 ta’ Novembru 2008 il-Probation Officer Trevor Calafato ipprezenta nota fejn ghal darb’ ohra spjega illi l-imputata probationer ma kinitx qed tikkoopera mieghu tant li bidlet l-indirizz taghha bla ma nfurmatu, ma zammitx kuntatt mieghu, naqset li zzomm kuntatt mac-centru ta’ riabilitazzjoni, w naqset li tobdi l-ordnijiet moghtija lilha sabiex tindirizza l-problema li ghandha ta’ abbuz tad-droga.

Illi permezz ta’ nota prezentata mill-istess Probation Officer il-Qorti giet infurmata li Nicola McHarg kienet dahlet bhala residenti fil-fondazzjoni Oasi.

Rat l-ittra mibghuta lil Nicols McHarg mid-**Direttur tal-Fondazzjoni Oasi** nhar is-17 ta' Frar 2009 fejn giet infurmata li ma setghetx tkompli bil-kors ghaliex ma kinitx qed tosserva r-regoli taghhom, u jghid li ghalkemm in-nuqqasijiet taghha huma zghar u li ghamlet xi ftit progress, ma setax ikompli joffrilha kenn f'dik il-Fondazzjoni sabiex issegwi l-programm li bdiet ta' riabilitazzjoni.
Nhar l-4 ta' Settembru 2009 xehdet **Vicky Scicluna** in rappresentanza tas-Sedqa u qalet li hija tiltaqa' ma' Nicola McHarg b'mod regolari w tohdilha kampjun tal-urina sabiex taghmel il-verifiki taghha ghall-presenza ta' droga ommeno. Tghid li minn dak li rat, l-imputata ghamlet progress kbir, qed tiehu hsieb bintha minuri w qed tikkopera hafna maghhom tant li huma sodisfatti bl-agir taghha.

Nhar is-7 ta' Jannar 2010 **Vicky Scicluna** regghet xehdet u qalet li baqghet issegwi lil McHarg u rat li ghalkemm xi kultant ikun hemm xi *hick-up*, xorta hemm progress. Tispjega li hija kellha dipendenza kbira fuq droga eroina. Apparti dan ghandha problemi ohra bhal nannitha qed tmut b'kancer u li hija l-istess McHarg li tiehu hsiebha, u n-nannu jbati minn *schizophrenia* w joqghod bieb ma' bieb maghha, w ghalhekk il-problemi tieghu jigu attribwiti lilha wkoll. Qalet li llum ghandha partner li jahdem b'mod regolari w fir-rigward ta' bintha jinsabu kutenti bit-trobbija taghha. Qalet li missier McHarg jghix barra minn Malta izda matul il-Milied gie Malta w qalilhom li kien qed jaghmel preparamenti sabiex jiehu lil bintu mieghu l-Ingilterra.
Nhar it-3 ta' Mejju 2011 regghet xehdet **Vicky Scicluna** w spjegat li f'Novembru 2010 Nicola McHarg kellha accident kbir f'saqajha. Waqa' kancell kbir fuq saqajha w il-marki ghadhom visibbli w fil-fatt izzappap. Tixtieq tghid li dan nonostante baqghet *clean* mill-eroina u dan minkejja l-istress enormi w li ma setghetx tahdem. Tghid li kien hemm episodji zghar fejn setghet misset xi ammonti zghar ta' *cocaine*. Tispjega li qeghdin f'kuntatt mal-Appogg u qeghdin kuntenti bil-progress taghha u llum il-gurnata tinsab *clean* ukoll fuq kokaina.

Illum il-gurnata tinstab f'sitwazzjoni stabbli mal-partner taghha u ghandhom pjanijiet fuq xoghol izda hemm ukoll pjanijiet ma' missierha li jghix l-Ingilterra sabiex Nicola tirritorna l-Ingilterra ma' bintha w tibda hajja hemm hekk. Missierha gej Malta fis-26 ta' Mejju u ser isiru laqghat go l-Appogg dwar il-*welfare* taghha. Ziedet tghid li ghandhom koperazzjoni kbira min-naha taghha.

**Rat illi s-sentenza li inghatat Nicola McHarg kienet dwar Probation Order ta' sentejn li skadew fil-5 ta' Jannar 2009, fejn ukoll kienet instabet hatja tal-ksur ta' din l-ordni nhar il-4 ta' Dicembru 2007. Rat illi din l-ordni qatt ma giet imgedda w ghalhekk din il-Qorti m'ghadx ghandha kompetenza fuq Nicola McHarg u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------